MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2007

Appell Kriminali Numru. 153/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Richard Mercieca**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Richard Mercieca (Karta tal-Identita` nru. 324466M) talli fl-4 ta' Jannar 2004 u fil-granet ta' qabel fil-Floriana, fil-Belt Valletta, u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghall-bejgh, jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe` DVDs; CDs; Playstation DVDs; ecc, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 298(1)(f) tal-Kapitolu 9;

2. bi qliegh jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor ipproduca jew ikkopja jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex iqassam xi artiklu jew xi haga ohra u cioe` DVDs, CDs, Playstation DVDs, ecc bi ksur ta’ jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-attur li jkollha persuna ohra u cioe` ***Twentieth Century Fox Film Corportion*** u socjetatjiet ohra, li taghhom is-socjeta` Patrick J Galea Advocates, rappresentata minn Dr Patrick J Galea LL.D., hija rappresentanti, protetti bil jew taht il-ligi ta’ Malta, u dan bi ksur tal-artikolu 298B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; u

3. talli irrenda ruhu recidiv b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati: 26-10-1999, 11-02-2000, u 12-5-2000 liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

L-ewwel qorti kienet mitluba sabiex, fid-diskrezzjoni taghha, f’kaz ta’ htija, thassar il-licenzja jew inkella tissospendi tali licenzja ghal xi zmien, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 31 tal-Kap 441 tal-Ligijiet ta’ Malta; kif ukoll li tordna l-konfiska tal-oggetti ezibiti u tikkundanna lill-hati ihallas l-ispejjez peritali;

Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-28 ta’ Marzu, 2007 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni registrata fl-udjenza tad-29 ta’ Ottubru 2006[1] sabet lill-imsemmi Richard Mercieca hati u kkundannatu multa ta’ elf u hames mitt lira Maltin (Lm1500);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Richard Mercieca, minnu prezentat fl-10 ta’ April 2007, li permezz tieghu talab ir-riforma ta’ l-imsemmija sentenza kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-29 ta’ Mejju 2007; ikkunsidrat:

L-appellant qed jappella biss mill-piena fuqu inflitta. Huwa jillanja li l-piena kienet eccessiva, li l-ewwel qorti ma tatx piz sufficjenti ghal-ko-operazzjoni tieghu sa mill-bidu tal-

[1] Recte: 20 ta’ Ottubru 2006 – ara fol. 57 tal-atti tal-kawza.

investigazzjoni u ghall-ammissjoni tieghu; u anqas ittiehed kont tal-fatt li l-ammont ta' oggetti elevati kien ezigwu.

Dana l-appell huwa wiehed altament fieragh. L-appellant, qabel ma tressaq fuq dan il-kaz, diga` kellu erba' kundanni ohra konnessi ma' piraterija kummercjali – ara l-fedina penali a fol. 4 *et seq.* u l-kundanni tat-2 ta' Dicembru 1994, l-1 ta' April 1998, 26 ta' Ottubru 1999 u 12 ta' Mejju 2000. Wara li tressaq il-Qorti fuq il-kaz odjern – il-kaz beda jinstema' fis-<u>6 ta' April 2005</u> – u sa ma giet biex tinghata s-sentenza appellata (28 ta' Marzu 2007), l-appellant laqqat tlett kundanni ohra, dejjem konnessi ma' piraterija kummercjali – fil-5 ta' Marzu 2005, fis-7 ta' Novembru 2005 u fl-20 ta' Frar 2006. Bejn l-ammissjoni tal-appellant – fl-20 ta' Ottubru 2006 – u sa ma nghatat is-sentenza fit-28 ta' Marzu 2007, u kontra kull *best practice*, la l-prosekuzzjoni ma gabet il-fedina penali aggornata a konjizzjoni ta' l-ewwel qorti u anqas din ma talbitha *ex officio*. Il-koperazzjoni tal-appellant fl-investigazzjonijiet f'dan il-kaz hi ta' relevanza minima, ghax hu nqabad *in flagrante*. L-oggetti elevati ma kienux, kif qed jghid l-appellant, f'numru zghir: skond ir-ricevuta a fol. 35 gew elevati 103 *video cassette*, 244 DVD, 499 *audio CD* u 89 *CD audio + games*. Kien hemm, ghalhekk, f'dan il-kaz l-ingredjenti kollha biex, nonostante l-ammissjoni, tigi applikata piena ta' prigunerija (li, ghall-finijiet ta' l-Artikolu 289 tal-Kap. 9, hija mandatorja, fis-sens li ma hemmx prospettat l-alternattiva tal-multa, salv dejjem dak li jipprovdi l-Artikolu 21 tal-imsemmi kodici). L-unika raguni li l-ewwel qorti, fis-sentenza taghha, semmiet biex tiggustifika l-multa kienet li Mercieca kien "irregistra ammissjoni bikrija". Din il-Qorti ma tistax tifhem b'liema kapovilgiment tal-kalkoli taz-zmien skond il-Kalendarju Gregorjan jew b'liema deturpament tal-lingwa maltija wiehed jista' jitkellem fuq ammissjoni **<u>bikrija</u>** meta l-kawza bdiet tinstema' quddiem l-ewwel qorti fis-6 ta' April 2005 u l-ammissjoni giet registrata biss fl-20 ta' Ottubru 2006. Wara s-sentenza, il-Pulizija anqas dehrilha li ghandha tippresenta nota ta' appell biex l-Avukat Generali jkun jista' jikkunsidra jekk jappellax dwar il-piena.

Anqas, ghalhekk, ma huwa kaz li l-appellant jinghata zmien ghall-hlas, kif talab l-appellant, permezz tad-difensur tieghu, fl-udjenza tad-29 ta’ Mejju 2007.

Kif inghad dana l-appell huwa wiehed altament fieragh. Konsegwentement tichad l-appell; u peress li l-appell huwa wiehed fieragh, wara li rat l-Artikolu 429(2) tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-appellant ammenda addizzjonali ta’ mitt lira (Lm100), konvertibbli f’ghoxrin gurnata detenzjoni f’kaz ta’ nuqqas ta’ pagament skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------